SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

2 ta' Diċembru 2010 *

Fil-Kawża C-153/09,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mill-Verwaltungsgericht Schwerin (il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tat-3 ta' Frar 2009, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-4 ta' Mejju 2009, fil-proċedura

Agrargut Bäbelin GmbH & Co. KG

vs

Amt für Landwirtschaft Bützow,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn A. Tizzano, President tal-Awla, J.-J. Kasel, A. Borg Barthet (Relatur), E. Levits u M. Safjan, Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

Avukat Ġenerali: J. Mazák,
Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Agrargut Bäbelin GmbH & Co. KG, minn J. Booth, Rechtsanwalt,

— għall-Gvern Grieg, minn I. Chalkias u K. Marinou, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn G. von Rintelen u F. Clotuche-Duvieusart, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-2 ta' Settembru 2010,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 54(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003, tad-29 ta' Settembru 2003, li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika

agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 40, p. 269), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 319/2006, tal-20 ta' Frar 2006 (ĠU L 335M, p. 1-28, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 1782/2003"), kif ukoll tal-Artikoli 50(4), u 51(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 796/2004, tal-21 ta' April 2004, li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' konformità, modulazzjoni u amministrazzjoni integrata u sistema ta' kontroll [sistema integrata ta' amministrazzjoni u ta' kontroll] kif hemm provvediment dwarhom fir-Regolament Nru 1782/2003 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 44, p. 243), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 659/2006, tas-27 ta' April 2006 (ĠU L 338M, p. 350, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 796/2004").

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża ta' Agrargut Bäbelin GmbH & Co. KG (iktar 'il quddiem "Agrargut") kontra l-Amt für Landwirtschaft Bützow (uffiċċju għall-organizzazzjoni Agrikola ta' Bützow, iktar 'il quddiem l-"Amt") dwar l-istabbiliment tal-ammont ta' għajnuna mogħtija lil Agrargut taħt l-iskema ta' pagament uniku għas-sena 2006.

Il-kuntest ġuridiku

Ir-Regolament Nru 1782/2003

3 Fil-kunest tar-riforma tal-politika agrikola komuni, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta r-Regolament Nru 1782/2003, li stabbilixxa regoli komuni fir-rigward ta' ħlasijiet diretti għal skemi ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni kif ukoll għal ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa.

4 Ir-Regolament Nru 1782/2003 stabbilixxa, b'mod partikolari, skema ta' appoġġ għaddħul tal-bdiewa. Fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament jsir riferiment għal din l-iskema bħala l-"[i]skema ta' ħlas waħdieni". Din hija s-suġġett tat-Titolu III tal-imsemmi regolament.

5 Skont il- premessa 32 tal-imsemmi regolament:

"Biex jinżammu l-benefiċċji tal-kontroll tal-produzzjoni ta' l-art imwarrba, waqt li jissaħħu l-benefiċċji ambjentali tagħha taħt l-iskema ġdida ta' appoġġ, għandhom jinżammu l-kondizzjonijiet ta' l-art imwarrba għall-art li tinħarat."

6 L-Artikolu 36(1) tal-istess regolament jipprovdi:

"Għajnuna taħt l-iskema ta' pagament uniku għandha titħallas fir-rigward ta' drittijiet għall-pagament kif definiti fil-Kapitolu 3, akkumpanjati b'numru ugwali ta' ettari eliġibbli kif definiti fl-Artikolu 44(2)."

7 Skont il-paragrafi (1) u (2) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 44 tar-Regolament Nru 1782/2003:

"1. Kull dritt għall-pagament akkumpanjat b'ettaru eliġibbli għandu jagħti dritt għall-pagament ta' l-ammont iffissat mid-dritt ta' pagament.

2. ‘Ettaru eliġibbli’ ifisser kull żona agrikola ta’ l-azjenda meħuda minn art li tinħarat u mergħa permanenti ħlief żoni kkultivati bi prodotti permanenti, foresti jew żoni użati għall-attivitajiet mhux agrikoli.”

8 Il-paragrafu (2) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 46 tal-imsemmi regolament jipprovdi li ġej:

“Drittijiet għall-pagament jistgħu jiġu trasferiti permezz ta’ bejgħ jew trasferiment definittiv ieħor bl-art jew mingħajr. B’kuntrast, kera jew tipi ta’ operazzjonijiet simili għandhom biss jiġu permessi jekk id-drittijiet għall-pagament li ġew trasferiti huma akkumpanjati mit-trasferiment ta’ numru ekwivalenti ta’ ettari eliġibbli.”

9 Is-Sezzjoni III tar-Regolament Nru 1782/2003 tinkludi l-Kapitolu 4, li t-Taqsima 2 tiegħu hija intitolata “Drittijiet ta’ art imwarrba”. B’mod konformi mal-Artikolu 57 ta’ dan ir-regolament, id-dispożizzjonijiet l-oħra tal-imsemmi Titolu III japplikaw għal dawn id-drittijiet, sakemm l-imsemmija sezzjoni ma tipprovdix mod ieħor.

10 L-Artikolu 53 tar-Regolament Nru 1782/2003, intitolat “Determinazzjoni tad-drittijiet ta’ art imwarrba”, jipprovdi:

“1. B’deroga mill-Artikoli 37 u 43 ta’ dan ir-Regolament, fejn fil-perjodu ta’ referenza bidwi kien suġġett għall-obbligu li jwarrab parti mill-art ta’ l-azjenda tiegħu skond l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1251/1999, l-ammont medju ta’ tlett snin li jikkorrispondi għall-pagament obbligatorju ta’ l-art imwarrba kalkulat u aġġustat skond l-Anness VII u l-ammont medju ta’ tlett snin ta’ ettari mwarrba b’mod

obbligatorju m'għandhomx ikunu nklużi fid-determinazzjoni tad-drittijiet imsemmija fl-Artikolu 43 ta' dan ir-Regolament.

2. Fil-każ imsemmi fil-paragrafu 1, il-bidwi għandu jirċievi dritt għal kull ettaru (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ 'dritt ta' l-art imwarrba') li jiġi kalkulat bid-diviżjoni tal-ammont medju ta' tlett snin ta' art imwarrba bin-numru medju ta' tlett snin ettari ta' art imwarrba, kif imsemmi fil-paragrafu 1.

In-numru totali ta' drittijiet ta' l-art imwarrba għandu jkun ugwali għan-numru medju ta' ettari mwarrba b'mod obbligatorju."

11 Skont l-Artikolu 54 tar-Regolament Nru 1782/2003, intitolat "Użu ta' drittijiet ta' l-art imwarrba":

"1. Kull dritt ta' l-art imwarrba akkumpanjat b'ettaru eliġibbli għad-dritt ta' art imwarrba għandu dritt għall-pagament ta' ammont iffissat mid-dritt ta' l-art imwarrba.

2. B'deroga mill-Artikolu 44(2), 'ettaru eliġibbli għal dritt ta' l-art imwarrba' ifisser kull żona agrikola meħuda minn art li tinħarat, ħlief għal żoni li fid-data pprovduta għall-applikazzjonijiet għall-għajnuna għaż-żona għall-2003 kienu kkultivati bi prodotti permanenti, imsaġar, użati għal attivitajiet mhux agrikoli jew b'mergħa permanenti. […]

[…]

3. Il-bdiewa għandhom iwarrbu mill-produzzjoni ettari eliġibbli għad-drittijiet ta' l-art imwarrba.

[…]

5. L-Istati Membri jistgħu, fuq termini li għandhom jiġu determinati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 144(2), jidderogaw mill-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, sakemm jieħdu azzjoni biex jimpedixxu żjieda sinifikanti fiż-żona agrikola totali eliġibbli għad-drittijiet ta' l-art imwarrba.

6. B'deroga mill-Artikoli 36(1) u 44(1), drittijiet ta' l-art imwarrba għandhom jiġu mitluba qabel kull dritt ieħor.

7. L-obbligu ta' twarrib għandu jkompli japplika fir-rigward tad-drittijiet ta' l-art imwarrba li jiġu trasferiti."

12 L-Artikolu 56 tal-imsemmi regolament, intitolat "Użu ta' l-art imwarrba", jipprovdi fil-paragrafu (1) tiegħu:

"L-art imwarrba għandha tinżamm f'kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba kif stabbilit taħt l-Artikolu 5.

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 55, m'għandhix tintuża għal skopijiet agrikoli u m'għandhix tipproduċi xi prodott għal skopijiet kummerċjali."

13 Ir-Regolament Nru 1782/2003 jinkludi, fil-Kapitolu 5 tat-Titolu III tiegħu, is-Sezzjoni 1, intitolata "Implimentazzjoni reġjonali", li tipprovdi l-possibbiltà għall-Istati Membri li jimplementaw skema ta' pagament uniku fil-livell reġjonali.

14 L-Artikolu 63(1) u (2) ta' dan ir-regolament, li jifforma parti mill-imsemmija sezzjoni 1, jipprovdi:

"1. Fil-każ ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 59, drittijiet stabbiliti taħt din it-taqsima jistgħu biss jiġu trasferiti jew użati fl-istess reġjun jew bejn reġjuni fejn id-drittijiet għal kull ettaru huma l-istess.

2. Fil-każ ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 59, b'deroga mill-Artikolu 53, kull bidwi fir-reġjun konċernat għandu jirċievi drittijiet ta' l-art imwarrba.

In-numru ta' drittijiet ta' l-art imwarrba għandu jkun stabbilit bil-multiplikazzjoni ta' l-art eliġibbli tal-bidwi fis-sens ta' l-Artikolu 54(2) dikjarata fl-ewwel sena ta' applikazzjoni ta' l-iskema ta' pagament uniku bir-rata ta' art imwarrba ('set-aside rate').

Ir-rata ta' art imwarrba hi kalkulata bil-multiplikazzjoni tar-rata bażika obbligatorja ta' art imwarrba ('basic rate of compulsory set-aside') ta' 10 % bil-proporzjon, fir-reġjun

konċernat, bejn l-art li ngħatawlha fil-perjodu ta' referenza pagamenti għaż-żoni tal-prodotti li jinħartu msemmija fl-Anness VI u l-art eliġibbli fis-sens ta' l-Artikolu 54(2) fil-perjodu ta' referenza.

Il-valur ta' drittijiet ta' l-art imwarrba għandu jkun il-valur reġjonali għad-drittijiet ta' pagament kif stabbilit skond l-Artikolu 59(2) jew, jekk ikun il-każ, l-Artikolu 59(3) l-ewwel subparagrafu.

[…]"

Ir-Regolament Nru 796/2004

15 Skont il-premessa 59 tar-Regolament Nru 796/2004:

"[…] skond l-Artikolu 54(6) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, id-drittijiet imwarrba għandhom jiġu attivati qabel xi drittijiet oħra. Għandhom isiru dispożizzjonijiet fir-rigward ta' dan il-kuntest fiż-żewġ sitwazzjonijiet. l-ewwel nett, żona dikjarata bħala mwarrba għall-fini ta' l-attivazzjoni tad-drittijiet imwarrba u li fir-realtà jinsabu li ma jkunux imwarrbin, għandha titnaqqas miż-żona sħiħa dikjarata għall-fini ta' l-iskema ta' Ħlas Waħdieni bħala żona mhux stabbilita. It-tieni nett, il-każ għandu jkun l-istess, fuq bażi fittizju, fir-rigward ta' żona li tikkorrispondi mad-drittijiet imwarrba li ma jkunux qed jiġu attivati jekk, fl-istess waqt, id-drittjiet l-ooħra jkunu qed jiġu attivati flimkien maż-żona li tikkorrispondi."

16 Skont l-Artikolu 2, punt 22, tar-Regolament Nru 796/2004:

"Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, it-tifsiriet li ġejjin għandhom jgħoddu:

[…]

22) 'Żona stabbilita': għandha tfisser iż-żona li dwarha jkunu tħarsu l-kondizzjonijiet kollha preskritti fir-regoli għall-għoti ta' l-għajnuna; fil-każ ta' l-iskema ta' ħlas waħdieni, iż-żona dikjarata tista' titqies biss bħala li tkun stabbilita jekk tkun akkumpanjata b'numru li jikkorrispondi ta' drittijiet għall-ħlas".

17 Ir-Regolament Nru 796/2004 jikkontjeni, taħt it-Titolu IV tat-Taqsima II, dwar l-Amministrazzjoni Integrata u s-Sistema ta' Kontroll [Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u ta' Kontroll], regoli li jirrigwardaw il-bażi ta' kalkolu tal-għajnuna stabbilita mir-Regolament Nru 1782/2003, kif ukoll tat-tnaqqis u tal-esklużjonijiet tagħhom.

18 Skont l-Artikolu 50(4) ta' dan ir-regolament:

"Mingħajr preġudizzju għat-tnaqqis u l-esklużjonijiet skond l-Artikoli 51 u 53, fir-rigward ta' applikazzjonijiet għall-għajnuna taħt l-iskema ta' ħlas waħdieni dan li ġej għandu jgħodd fir-rigward tad-drittijiet imwarrba għall-finijiet tat-tifsira ta' 'żona stabbilita' fl-Artikolu 2 il-punt (22):

a) jekk bidwi ma jiddikjarax iż-żona kollha tiegħu għall-finijiet tal-attivazzjoni tad-drittijiet imwarrba għad-disponiment tiegħu, iżda jiddikjara, fl-istess waqt, żona

li tikkorrispondi għall-attivazzjoni ta' drittijiet oħra, dik iż-żona għandha titqies bħala li tkun ġiet dikjarata bħala żona mwarrba u mhux stabbilita għall-finijiet tal-grupp ta' wċuh tar-raba msemmija fl-Artikolu 49(1)(a);

b) jekk żona dikjarata bħala żona mwarrba tinstab li ma tkunx imwarrba, dik iż-żona għandha tiġi dikjarata bħala li ma tkunx stabbilita."

19 L-Artikolu 51(1) tar-Regolament Nru 796/2004 jipprovdi:

"Jekk, fir-rigward ta' grupp ta' wċuh tar-raba, iż-żona dikjarata għall-finijiet ta' xi skemi ta' għajnuna relatati maż-żona, ħlief dawk għall-patata tal-lamtu u ż-żerriegħa skond l-Artikoli 93 u 99 rispettivament tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, tisboq iż-żona stabbilita skond l-Artikolu 50(3) sa (5) ta' dan ir-Regolament, l-għajnuna għandha tiġi kalkolata fuq il-bażi taż-żona stabbilita imnaqqsa bid-doppju tad-differenza miżjuba jekk dik id-differenza tkun aktar minn jew 3 % jew żewġ ettari, iżda mhux aktar minn 20 % taż-żona stabbilita.

Jekk id-differenza tkun aktar minn 20 % taż-żona stabbilita, ma għandha tingħata ebda għajnuna marbuta maż-żona għall-grupp ta' wċuh tar-raba konċernat."

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

20 Fl-2006, Agrargut kienet tiddisponi minn 12.10 dritt għall-pagament u 59.57 dritt ta' art imwarrba. Hija barra minn hekk kellha 11.90 ettaru ta' art għal mergħa u 36.10 ettaru ta' art li tinħarat.

21 Fit-talba tagħha għal pagament uniku għas-sena 2006, Agrargut talbet id-drittijiet ta' art imwarrba u d-drittijiet għall-pagament, li jirrigwardaw rispettivament 36.10 ettaru ta' art imwarrba u 11.90 ettaru ta' art għal mergħa.

22 L-Amt ċaħad din it-talba permezz ta' deċiżjoni tat-8 ta' Jannar 2007. Huwa ċaħad ukoll talba ppreżentata minn Agrargut kontra din id-deċiżjoni ta' ċaħda permezz ta' deċiżjoni tal-15 ta' Awwissu 2007.

23 L-Amt ikkunsidra li Agrargut kienet marbuta, b'mod konformi mal-obbligu previst fl-Artikolu 54(6) tar-Regolament Nru 1782/2003, li teżiġi l-ewwel nett id-drittijiet tagħha ta' art imwarrba. Peress li din naqset milli titlob id-drittijiet kollha tagħha, fejn fl-istess waqt iddikjarat żona ta' 11.90 ettaru għall-finijiet tal-użu tad-drittijiet tagħha għall-pagament, l-Amt ikkunsidra li din iż-żona kellha tiġi kkunsidrata, skont l-Artikolu 50(4)(a) tar-Regolament Nru 796/2004, bħala li ġiet iddikjarata bħala mwarrba u mhux stabbilita fis-sens tal-Artikolu 2(22) ta' dan ir-regolament. Konsegwentement, huwa applika s-sanzjonijiet previsti fl-Artikolu 51(1) tar-Regolament Nru 796/2004.

24 Fid-19 ta' Settembru 2007, Agrargut ippreżentat rikors kontra d-deċiżjoni tal-Amt quddiem il-Verwaltungsgericht Schwerin. Hija sostniet li l-obbligu li teżiġi d-drittijiet ta' art imwarrba qabel kull dritt ieħor jirrigwarda biss l-ettari eliġibbli għall-għajnuna għal art imwarrba fis-sens tal-Artikolu 54 tar-Regolament Nru 1782/2003. Dan jirriżulta kemm mill-kliem kif ukoll mill-ispirtu u l-għan tal-Artikolu 50(4)(a) tar-Regolament Nru 796/2004.

25 Agrargut barra minn hekk issostni li l-applikazzjoni tal-iskema ta' sanzjonijiet previsti mir-Regolamenti Nri 1782/2003 u 796/2004 tippresupponi l-eżistenza ta' żball imwettaq mill-applikant, li ma huwiex il-każ fil-każ preżenti. Hija ssostni wkoll li d-dispożizzjonijiet inkwistjoni ma humiex suffiċjentement ċari u komprensibbli.

26 L-Amt ikkunsidra li l-obbligu previst fl-Artikolu 54(6) tar-Regolament Nru 1782/2003 għandu jiġi interpretata fid-dawl tal-premessa 32 ta' dan ir-regolament. Dan jeħtieġ b'mod partikolari li jiġi żgurat li d-drittijiet għall-pagament għal art imwarrba mogħtija fl-2005 jkunu ntużaw u li ż-żoni korrispondenti jkunu konsegwentement effettivament imwarrba. Is-sanzjoni prevista fl-Artikolu 51 tar-Regolament Nru 796/2004 tissodisfa wkoll dan l-għan. Il-bidwi li jiddisponi minn iktar drittijiet ta' art imwarrba milli minn ettari eliġibbli għall-għajnuna għal art imwarrba b'hekk ikollu kull interess li jittrasferixxi tali drittijiet jew, fin-nuqqas ta' dan, jastjeni milli jiddikjara simultanjament drittijiet oħra għall-pagament.

27 F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju ssostni li d-drittijiet ta' art imwarrba jistgħu jintalbu biss f'konnessjoni maż-żoni eliġibbli għall-għajnuna għal art imwarrba. Hija tistaqsi f'dan ir-rigward jekk il-bidwi li jkun iddikjara ż-żoni kollha eliġibbli għall-għajnuna għal art imwarrba li huwa jiddisponi minnha, ikunx iddikjara "iż-żona kollha" fis-sens tal-Artikolu 50(4)(a) tar-Regolament Nru 796/2004.

28 L-imsemmija qorti ssostni madankollu li d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu 50(4) tar-Regolament Nru 796/2004 ġew iċċarati bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2025/2006, tat-22 ta' Diċembru 2006, li jemenda r-Regolament Nru 796/2004 (ĠU L 312M, p. 270). F'dawn iċ-ċirkustanzi, hija tistaqsi jekk, fir-rigward tal-prinċipju tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, is-sanzjoni prevista fl-Artikolu 51 tar-Regolament Nru 796/2004 għandhiex effettivament tiġi applikata f'ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża prinċipali.

29 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Verwaltungsgericht Schwerin iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tistaqsi lil Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

"1) Bidwi huwa pprojbit milli jattiva drittijiet ibbażati fuq mergħa permanenti jekk huwa, qabel dan, ma jkunx attiva d-drittijiet għall-ħlas kollha bbażati fuq is-serħan [it-twarrib] tar-raba', anki jekk huwa ma għandu l-ebda art oħra li tinħadem eliġibbli għall-għajnuna għas-serħan [għat-twarrib] tar-raba'?

2) Jekk ir-risposta għall-ewwel domanda tkun fl-affermattiv:

Is-sanzjonijiet previsti fl-Artikolu 51 tar-Regolament (KE) Nru 796/2004 japplikaw ukoll għal bidwi li, qabel id-29 ta' Diċembru 2006 (meta ma kellux art eliġibbli għall-għajnuna għas-serħan [għat-twarrib] tar-raba') kiser l-obbligu li, qabel, jattiva totalment id-drittijiet għall-ħlas ibbażati fuq is-serħan [it-twarrib] tar-raba'?"

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

Fuq l-ewwel domanda

30 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 54(6) tar-Regolament Nru 1782/2003 għandux jiġi interpretat fis-sens li

bidwi ma jistax jitlob li jibbenefika mill-għajnuna għad-drittijiet għall-pagament li huwa jiddisponi minnhom, inkluż fosthom b'rabta maż-żoni li ma humiex eliġibbli għall-għajnuna għal art imwarrba, ħlief jekk huwa kien attiva minn qabel id-drittijiet kollha tiegħu ta' art imwarrba.

31 Preliminarjament, għandu jiġi mfakkar li, skont l-Artikolu 36(1) tar-Regolament Nru 1782/2003, l-għajnuna mogħtija skont l-iskema ta' pagament uniku hija mħallsa għal "drittijiet għall-pagament" akkumpanjati b'numru ugwali ta' ettari eliġibbli għall-għajnuna.

32 Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 54(1) tar-Regolament Nru 1782/2003 jipprovdi li kull tip ta' "dritt ta' l-art imwarrba" marbut ma' ettaru eliġibbli għall-għajnuna għal art imwarrba jagħti dritt għal ħlas ta' ammont stabbilit mid-dritt tal-art imwarrba. Il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu jippreċiża dak li għandu jiġi mifhum b'"żona agrikola meħuda minn art li tinħarat". Din tirreferi għal kull żona agrikola tal-azjenda okkupata minn art li tinħarat, bl-esklużjoni ta' żoni li, fid-data prevista għall-applikazzjonijiet għal għajnuniet għaż-żona tal-2003, kienu kkultivati bi prodotti permanenti u foresti jew żoni użati għall-attivitajiet mhux agrikoli jew mergħat permanenti.

33 B'hekk, setgħu jiġu ddikjarati biss għall-finijiet tal-użu tad-drittijiet ta' art imwarrba ż-żoni agrikoli okkupati minn art li tinħarat. Min-naħa l-oħra, b'mod konformi mal-Artikolu 44(2) tar-Regolament Nru 1782/2003, moqri flimkien mal-paragrafu 1 tal-istess artikolu, id-drittijiet għall-pagament jistgħu jiġu mibdija fir-rigward ta' kull żona agrikola tal-azjenda okkupata mill-art li tinħarat jew minn mergħat permanenti, bl-esklużjoni taż-żoni li kienu kkultivati bi prodotti permanenti u foresti jew żoni użati għall-attivitajiet mhux agrikoli.

34 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar il-portata tal-obbligu previst fl-Artikolu 54(6) tar-Regolament Nru 1782/2003, b'mod partikolari fil-każ fejn il-bidwi kkonċernat jiddisponi minn iktar drittijiet ta' art imwarrba milli minn ettari eliġibbli għall-għajnuna għal art imwarrba.

35 L-imsemmija qorti tistaqsi b'mod partikolari jekk l-obbligu li d-drittijiet ta' art imwarrba għandhom jintalbu qabel kull dritt ieħor, għandux karattru assolut, fis-sens li huwa jirrigwarda ż-żona kollha li jiddisponi minnha l-bidwi kkonċernat, jew jekk obbligu bħal dan għandu biss karattru relattiv, fis-sens li huwa jirrigwarda biss iż-żoni eliġibbli għall-għajnuna għal art imwarrba.

36 F'din it-tieni sitwazzjoni, il-bidwi jissodisfa l-obbligu previst fl-Artikolu 54(6) tar-Regolament Nru 1782/2003 mil-mument li ddikjara ż-żona kollha eliġibbli għall-għajnuna għal art imwarrba li kien jiddisponi minnha għall-finijiet tal-użu tad-drittijiet tiegħu ta' art imwarrba, anki jekk ċertu numru tad-drittijiet tiegħu ta' art imwarrba jibqgħu ma jintużawx.

37 Min-naħa l-oħra, fl-ewwel sitwazzjoni, il-bidwi li, bħal kif kien il-każ fil-kawża prinċipali, jiddisponi iktar minn drittijiet ta' art imwarrba milli ettari eliġibbli għall-għajnuna għal art imwarrba ma jistax jitlob "drittijiet għall-pagament" fis-sens tal-Kapitolu 3 tat-Titolu III tar-Regolament Nru 1782/2003. Jekk jixtieq ikun jista' jibbenefika minn għajnuna għad-drittijiet għall-pagament, il-bidwi kkonċernat għandu qabel jittrasferixxi parti mid-drittijiet tiegħu ta' art imwarrba jew jakkwista żoni eliġibbli għall-għajnuna għal art imwarrba, sabiex ikollu numru ekwivalenti ta' ettari eliġibbli għall-għajnuna għal art imwarrba u ta' drittijiet ta' art imwarrba.

38 F'dan il-kuntest, għandu jingħad li l-kliem tal-Artikolu 54(6) tar-Regolament Nru 1782/2003 ma jippermettix waħdu, li tingħata risposta għad-domanda li saret mill-qorti tar-rinviju.

39 Madankollu, mill-istruttura u l-għanijiet tar-Regolament Nru 1782/2003 jirriżulta li l-obbligu previst fl-Artikolu 54(6) tiegħu għandu karattru assolut fis-sens definit fil-punt 35 tas-sentenza preżenti.

40 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li, hekk kif jirriżulta mill-premessa 32 ta' dan ir-regolament, wieħed mill-għanijiet tiegħu jikkonsisti, f'li jmantni l-kundizzjonijiet għal art imwarrba, għall-art li tinħarat sabiex jinżammu l-vantaġġi li għandu t-twarrib tal-art f'dak li jirrigwarda l-offerta, billi jissaħħaħ l-effett pożittiv ta' dan fuq l-ambjent. Għal dan il-għan, il-leġiżlatur tal-Unjoni pprovda ġabra ta' miżuri destinati sabiex titħares l-art imwarrba taż-żoni agrikoli.

41 Huwa previst b'mod partikolari, fl-Artikoli 53 u 63(2) tar-Regolament Nru 1782/2003, li jiġu attribwiti lill-bdiewa drittijiet ta' art imwarrba sabiex jiġu nkoraġġuti, permezz tal-għajnuniet finanzjarji għat-twarrib ta' parti miż-żoni li jiddisponu minnhom. Il-bidwi li jixtieq jibbenefika mill-għajnuna għal art imwarrba għandu fil-fatt jiddikjara, fl-applikazzjoni tiegħu għal pagament uniku, numru ta' ettari eliġibbli għall-għajnuna għal art imwarrba ekwivalenti għan-numru tad-drittijiet ta' art imwarrba li huwa jitlob u, b'mod konformi mal-Artikolu 54(3) tal-istess regolament, l-imsemmija żoni għandhom ikunu s-suġġett ta' twarrib effettiv tal-art.

42 Barra minn hekk, sabiex titħares l-art imwarrba effettiva taż-żoni kollha destinati li jiġu mwarrba, li tikkorrispondi kwantitattivament għad-drittijiet kollha ta' art imwarrba eżistenti, l-Artikolu 54(6) tar-Regolament Nru 1782/2003 jimponi lill-bdiewa li jeżiġu d-drittijiet tagħhom ta' art imwarrba qabel kull dritt ieħor. Dan

l-obbligu huwa akkumpanjat b'mekkaniżmu ta' sanzjonijiet previsti fl-Artikoli 50(4), u 51(1) tar-Regolament Nru 796/2004. Hekk kif jirriżulta mill- premessa 59 ta' dan l-aħħar imsemmi regolament, iż-żoni korrispondenti għad-drittijiet ta' art imwarrba li ma humiex attivati jkunu kkunsidrati bħala żona mhux stabbilita jekk, fl-istess waqt, drittijiet oħra huma attivati maż-żona korrispondenti.

43 Madankollu, sabiex tiġi ppreżervata l-effettività tal-Artikolu 54(6) tar-Regolament Nru 1782/2003, huwa essenzjali li d-drittijiet ta' art imwarrba jkunu attivati qabel drittijiet oħra, kemm jekk dawn ikunu bbażati fuq żoni eliġibbli għall-għajnuna għal art imwarrba u kemm jekk ma jkunux. Fil-fatt, fil-każ kuntrarju, it-twarrib effettiv tal-art agrikola jkun kompromess sa fejn parti mid-drittijiet ta' art imwarrba jibqgħu ma jintużawx, kemm għaliex ċerti bdiewa ttrasferew parti miż-żoni eliġibbli tagħhom għall-għajnuna għal art imwarrba, kemm għaliex ikunu rċevew b'trasferiment — b'mod konformi mal-Artikolu 46 tal-imsemmi regolament, moqri flimkien mal-Artikolu 57 tiegħu jew, f'każ ta' reġjonalizzazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku, b'mod konformi mal-Artikolu 63(1) tal-istess regolament — id-drittijiet ta' art imwarrba mingħajr l-art relatata.

44 B'hekk jirriżulta li jeħtieġ li tingħata risposta għall-ewwel domanda li l-Artikolu 54(6) tar-Regolament Nru 1782/2003 għandu jiġi interpretat fis-sens li bidwi ma jistax jitlob li jibbenefika mill-għajnuna taħt id-drittijiet għall-pagament li jiddisponi minnha, inkluż b'rabta maż-żoni li ma humiex eliġibbli għall-għajnuna għal art imwarrba, sakemm ma attivax qabel id-drittijiet kollha tiegħu ta' art imwarrba.

Fuq it-tieni domanda

45 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-Artikolu 51 tar-Regolament Nru 796/2004, moqri flimkien mal-Artikolu 50(4) tal-imsemmi

regolament, għandux jiġi interpretat fis-sens li s-sanzjoni prevista f'dan l-Artikolu 51(1) hija applikabbli għal bidwi li, għalkemm naqas milli jattiva d-drittijiet kollha tiegħu ta' art imwarrba, attiva drittijiet għall-pagament ibbażati fuq mergħat permanenti, inkluż meta ma jiddisponix minn numru ta' ettari eliġibbli suffiċjenti għall-għajnuna għal art imwarrba sabiex jeżiġi d-drittijiet kollha tiegħu ta' art imwarrba.

46 Hekk kif jirriżulta mill-premessa 59 tar-Regolament Nru 796/2004, l-Artikolu 51(1) tiegħu, moqri flimkien mal-Artikolu 50(4) ta' dan ir-regolament, stabbilixxa skema ta' sanzjonijiet applikabbli għall-bdiewa li, b'injorar tal-Artikolu 54(6) tar-Regolament Nru 1782/2003, eżiġa d-drittijiet għall-pagament, inkluż f'konnessjoni maż-żoni li ma humiex eliġibbli għall-għajnuna għal art imwarrba, mingħajr ma attivaw minn qabel id-drittijiet kollha tagħhom ta' art imwarrba.

47 B'hekk jirriżulta li s-sanzjonijiet previsti fl-Artikolu 51(1) tar-Regolament Nru 796/2004 huma bħala prinċipju applikabbli għal bidwi li, hekk kif inhuwa l-każ fil-kawża prinċipali, naqas milli jattiva d-drittijiet kollha tiegħu ta' art imwarrba filwaqt li attivaw drittijiet għall-pagament ibbażati fuq mergħat permanenti, meta ma kienx jiddisponi minn numru ta' ettari eliġibbli għall-għajnuna għal art imwarrba suffiċjenti sabiex jeżiġi d-drittijiet kollha tiegħu ta' art imwarrba.

48 Madankollu, hekk kif sostniet il-qorti tar-rinviju, għandu jiġi kkonstatat li l-kliem tal-Artikolu 50(4)(a) tar-Regolament Nru 796/2004 ma huwiex nieqes minn ambigwità. In-nuqqas ta' ċarezza ta' din id-dispożizzjoni hija dovuta b'mod partikolari għall-pożizzjoni fil-kliem tiegħu, tal-aġġettiv "tikkorrispondi" li jintroduċi konfużjoni fir-rigward taż-żona b'hekk kwalifikata.

49 Il-karattru ambigwu ta' din id-dispożizzjoni kien ukoll espressament rikonoxxut mil-leġiżlatur tal-Unjoni fl-adozzjoni tar-Regolament Nru 2025/2006.

50 Fil-fatt, il-premessa 5 tar-Regolament Nru 2025/2006, wara li fakkret li l-Artikolu 54(6) tar-Regolament Nru 1782/2003 jipprovdi li d-drittijiet ta' art imwarrba għandhom jintalbu qabel kull dritt ieħor, tipprovdi li, "[s]abiex jiġi żgurat it-trattament ugwali tal-bdiewa li m'għandhomx disponibbli ż-żona kollha ta' art imwarrba meħtieġa għad-drittijiet tagħhom ta' art imwarrba, id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 50(4) tar-Regolament […] Nru 796/2004". Għal dan il-għan, il-kliem tal-Artikolu 50(4)(a) tar-Regolament Nru 796/2004 ġie sostitwit bit-test segwenti:

"jekk bidwi ma jiddikjarax iż-żona kollha tiegħu għall-finijiet tal-attivazzjoni tad-drittijiet imwarrba għad-disponiment tiegħu, iżda jiddikjara, fl-istess waqt, żona li tikkorrispondi għall-attivazzjoni ta' drittijiet oħra, dik iż-żona għandha titqies bħala li tkun ġiet dikjarata bħala żona mwarrba".

51 Issa, skont ġurisprudenza stabbilita, il-prinċipju taċ-ċertezza legali jeħtieġ li leġiżlazzjoni tal-Unjoni tippermetti lill-partijiet ikkonċernati li jsiru jafu b'eżattezza l-portata tal-obbligi imposti fuqhom. Is-suġġetti tal-liġi għandhom fil-fatt, ikunu jafu mingħajr ambigwità d-drittijiet u l-obbligi tagħhom sabiex ikunu f'pożizzjoni li b'hekk jadottaw id-dispożizzjonijiet tagħhom (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-15 ta' Lulju 2010, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit, C-582/08, Ġabra p. I-7195, punt 49, u tal-11 ta' Novembru 2010, Grootes, C-152/09, Ġabra p. I-11285, punt 43).

52 F'dawn iċ-ċirkustanzi, u fir-rigward tal-kunsiderazzjoni msemmija fil-punt 38 tas-sentenza preżenti, għandha ma tiġix applikata s-sanzjoni prevista fl-Artikolu 51(1) tar-Regolament Nru 796/2004 f'ċirkustanzi bħal dawk deskritti fil-punt 47 tas-sentenza preżenti.

53 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-Artikolu 51 tar-Regolament Nru 796/2004, moqri flimkien mal-Artikolu 50(4) tal-imsemmi regolament, għandu jiġi interpretat fis-sens li, fir-rigward tal-prinċipju taċ-ċertezza legali, is-sanzjoni prevista f'dan l-Artikolu 51(1) mhijiex applikabbli għal bidwi li, filwaqt li naqas milli jattiva d-drittijiet kollha tiegħu ta' art imwarrba peress li ma kienx jiddisponi minn numru suffiċjenti ta' ettari eliġibbli għall-għajnuna għal art imwarrba, attiva drittijiet għall-pagament ibbażati fuq mergħat permanenti.

Fuq l-ispejjeż

54 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-Artikolu 54(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003, tad-29 ta' Settembru 2003, li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE)

Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 319/2006, tal-20 ta' Frar 2006, għandu jiġi interpretat fis-sens li bidwi ma jistax jitlob li jibbenefika mill-għajnuna taħt id-drittijiet għall-pagament li jiddisponi minnha, inkluż b'rabta maż-żoni li ma humiex eliġibbli għall-għajnuna għal art imwarrba, sakemm ma attivax qabel id-drittijiet kollha tiegħu ta' art imwarrba.

2) **L-Artikolu 51 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 796/2004, tal-21 ta' April 2004, li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' konformità, modulazzjoni u amministrazzjoni integrata u sistema ta' kontroll [sistema integrata ta' amministrazzjoni u ta' kontroll] kif hemm provvediment dwarhom fir-Regolament Nru 1782/2003, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 659/2006, tas-27 ta' April 2006, moqri flimkien mal-Artikolu 50(4) tal-imsemmi regolament, għandu jiġi interpretat fis-sens li, fir-rigward tal-prinċipju taċ-ċertezza legali, is-sanzjoni prevista f'dan l-Artikolu 51(1) mhijiex applikabbli għal bidwi li, filwaqt li naqas milli jattiva d-drittijiet kollha tiegħu ta' art imwarrba peress li ma kienx jiddisponi minn numru suffiċjenti ta' ettari eliġibbli għall-għajnuna għal art imwarrba, attiva drittijiet għall-pagament ibbażati fuq mergħat permanenti.**

Firem